NOTTE BIANCA

# 2024 **PROGRAMM TA' AVVENIMENTI**

Nota: In-numru ħdejn kull proġett jikkorrispondi għall-mappa interattiva tagħna. Ara aktar fuq **www.festivals.mt/nb**

## IR-ROTTA L-ALTERNATTIVA

### 1 IL-JUGGLERS FIL-BELT

**Roaming - Pjazza Tritoni, Triq ir-Repubblika u l-madwar**

7pm 'il quddiem

Nilqgħu fostna ġewwa l-Belt Valletta l-jugglers li bil-kapacità tagħhom jirnexxielhom jilgħabu b'dak kollu li jiġi għal idejhom bi preċiżjoni unika. Il-jugglers se jkunu qed iduru fit-toroq prinċipali tal-Belt waqt li se jkunu qed jistednukom sabiex tippruvaw dal-logħob akkrobatiku.

### 2 TRIBALI FL-INFERN TA' DANTE

TRIBALI

**Pjazza Tritoni**

10pm 'il quddiem

Huwa bi pjaċir għalina li se nippreżentawlkom il-band alternattiva Tribali f'ambjent imnebbaħ mix-xogħol letterarju immortali ta' Dante Alighieri. Din hija opportunità unika għas-segwaċi ta' 'Tribali' sabiex jassistu għal esperjenza li qatt ma raw bħala. Dawk li jixtiequ jattendu huma mħeġġa jilbsu xi ħaġa ħamra u sewda sabiex jikkumplimentaw din l-installazzjoni artistika magħmula minn mużika b'ritmi fantastiċi, dwal u effetti speċjali.

### 3 CHASING SUNSETS

**Ġnien Laparelli**

7pm 'il quddiem

Din is-sena ma stajniex inħallu barra l-element tal-mużika elettronika li attwalment qed tgawdi minn popolarità kbira fil-gżejjer Maltin. B'hekk qed nerġgħu nippreżentaw 'Chasing Sunsets' b'lineup ta' DJs rinomati li jżur se joffru atmosfera mill-aqwa. Narawkom fi Ġnien Laparelli ħa niċċelebraw flimkien!

## IR-ROTTA L-ALTERNATTIVA

### 4 SENSORY SYMPHONY

OPENING DOORS

**Spazju Kreattiv, Studio A**

5pm, 6pm, 7pm, 8pm

'Sensory Symphony' huwa proġett li l-mira prinċipali tiegħu hija l-interattività mal-udjenza fejn tipparteċipa permezz tas-sensi. Għadd ta' artisti minn ġeneri artistiċi varji se jkunu qed itellgħu installazzjoni ħajja li tesplora l-aġir tagħna permezz tas-sensi.

### 5 ĊITTADELLA

ĊITTADELLA FOLK GROUP

**Roaming - Triq ir-Repubblika**

6pm 'il quddiem

Biex żgur l-udjenzi u dawk li jiġu għall-avveniment ikunu l-ħin kollu okkupati, ħsibna sabiex nistiednu lill-grupp popolari tal-folklor 'Ċittadella'. Ingħaqdu magħhom għar-ritmu festiv tagħhom u l-kant sabiħ u melodjuż. Dawn se jkunu qed jallegrawna anke waqt li qed nimxu minn post għall-ieħor.

### 6 SALOTT

TEN08

**Triq Żakkarija**

6pm 'il quddiem

Il-linji eleganti u l-majestożità tal-arkittetura tal-Belt Valletta joffru kanvas mill-aqwa għall-kreattività artistika. Hemm triq li għalkemm hi kwieta u riservata, hija t-triq li twasslek għall-eċċellenza tiegħu l-katidral! U proprju hawn se nkunu qed nippreżentaw installazzjoni artistika permezz ta' għadd ta'  bnadar ikkuluriti bl-emblemi tal-Gran Mastri li se jittrasformaw l-akwata f'salott mikxuf.

### 7 IR-RESTAWR TAL-ĠIŻWITI

**Il-Knisja tal-Ġiżwiti**

6pm 'il quddiem

Aspett ieħor dwar dan l-avveniment hija l-oppurtunità sabiex tiskopri postijiet varji li għalkemm ngħaddu spiss minn quddiemhom, qatt ma nkunu dħalna ġewwa. Il-Knisja tal-Ġiżwiti li tifforma parti mill-kumpless Universitarju tal-Kampus tal-Belt, qed jiġi restawrat b'mod mirqum. Ħsibna li jkun ta' interess li ssegwi mill-viċin dan il-proċess waqt li naraw lill-professjonisti f'dan il-proċess delikat. Dan il-post żgur se jnissel nostalġija ma' dawk li tul is-snin irċevew il-gradwazzjoni akkademika tagħhom.

## IR-ROTTA L-ALTERNATTIVA

8 **ACHILLE**

**Dar l-Ewropa**

7pm, 8pm

Il-kompożitur Dominic Galea ħoloq mużika li tikkumplimenta l-poeżija tal-Poeta tal-Moviment Qawmien Letterarju Achille Mizzi. Dawn il-kompożizzjonijiet se jiġu interpretati mis-soprana brava Nadia Vella. Waqt il-kunċert se jiġu esebiti xogħlijiet ispirati mill-istess poeżiji tal-artist u skultur Antonio Mifsud.

9 **ELEMENTI**

STREET ELEMENTS

**Valletta Campus Theatre**

6pm, 7pm

'Elementi' hija koreografija enerġetika ta' żfin hip-hop ippreżentata mill-għadd ta' żeffiena fenomenali mill-iskola 'Street Elements'. Il-proġett jirrifletti fuq is-sitwazzjonijiet traġiċi li jħallu l-gwerrer, u li ngħidu le għat-terrur u t-telfien tal-ħajja u li ngħidu iva għall-paċi fid-dinja.

10 **MERĦBA ĠEWWA L-BAVIERA**

**Il-Berġa tal-Baviera**

6pm 'il quddiem

Waqt l-avveniment, għadd ta' binjiet li mhux soltu jkunu miftuħin għall-pubbliku, jiftħu l-bibien tagħhom għall-viżitaturi. Ewlenija fosthom hija l-Berġa tal-Baviera jew kif inhi magħrufa 'il-lands'. Il-ferrovija se tkun qed twasslek minn Pjazza Tritoni għall-Baviera f'atmosfera ferrieħija b'daqq u kant tal-mużika folk Maltija. Din hija opportunità sabiex tgawdi mis-seħer ta' ġojjel ieħor moħbi waqt li tara esebizzjoni artistika 'life size' mill-isbaħ.

## IR-ROTTA TAT-TEATRU

11 **MERĦBA**

**Pjazza Tritoni**

6pm 'il quddiem

Notte Bianca hija ċelebrazzjoni tal-arti performattiva offruta mill-artisti bravi tagħna għall-udjenzi leali li ta' kull sena ma jonqsux li jingħaqdu magħna. L-artisti ta' 'Merħba' se jkun qed jilqgħukom għal lejl ieħor indimentikabbli. Huma se jkunu qed jassistuk biex tiskopri l-proġetti ta' Notte Bianca.

## IR-ROTTA TAT-TEATRU

12 **DĦALNA SAL-BELT**

**Roaming - Pjazza Kastilja, Triq il-Merkanti u l-madwar**

7pm 'il quddiem

Tliet kavallieri rekbin fuq żiemel semgħu bl-avveniment ta' Notte Bianca u ddeċidew li jidħlu sal-Belt biex iġeddu l-memorji ta' meta kien jterrqu f'Belt mill-isbaħ li bnew huma stess. Min jaf kemm se jirrakkuntaw esperjenzi u stejjer li għaddew minnhom! Sibuhom qabel ma jsibu lilkom!

13 **IL-BUFFU TAT-TRIQ**

**Roaming - Triq ir-Repubblika u l-pjazzez ewlenin**

6pm 'il quddiem

Ġewwa l-Belt Valletta, taraw buffu f'nofs it-triq jipprova jsib it-triq lura, tarah miexi, jiġri jew saħansitra jaqbeż ma' dak jew mal-ieħor, tant kemm għandu enerġija sabiħa u pożittiva li n-nies ħadu grazzja miegħu. Il-buffu huwa partikolari għall-aħħar mhux villjakk, infatti din l-esperjenza hija avventura għalih u tant kemm kellu x'jara li nesa li ried jerġa' triqtu lejn iċ-ċirku. Iltaqgħu miegħu u sellmulu intom u dduru t-toroq tal-Belt.

14 **SPARA-NORMALI**

VANNI PULÉ

**Valletta Campus Theatre**

7:30pm, 9pm

L-illużjonista Vanni Pulé u l-koreografa Sarah Kurvinen, se jkunu qed joħolqu spettaklu dwar il-fenomeni tat-tmiem tad-dsatax-il seklu. Dan l-ispettaklu, permezz tal-illużjoni u l-manipulazzjoni tal-ħsieb se jkun ippreżentat f'forma ta' cabaret b'waqtiet misterjużi.

15 **FIL-GWERRA M'HEMMX REBBIEĦA**

**Sala San Duminku**

7pm, 8pm

Musical oriġinali li jittratta l-kruha u l-qirda li ġġib magħha gwerra fejn naraw kif il-fantażija u l-immaġinazzjoni innoċenti tat-tfal iddawwar kollox f'għadd sabiħ ta' mħabba u ħbiberija. Dan il-proġett huwa bid-direzzjoni ta' Dominic Cini u kitba ta' Etienne Micallef mtella mit-tfal għat-tfal. Tagħlima ġenwina għalina l-adulti. Din il-prestazzjoni se ssir bil-lingwa Maltija biss.

## IR-ROTTA TAT-TEATRU

16 **THE PRIMITALS**

**Teatru Manoel**

5pm, 10pm

Spettaklu divertenti b'artisti internazzjonali li jitratta l-konflitti li jinqalgħu fil-qalba ta' tribù neolitiku. It-talenti eċċellenti ta' dawn l-artisti żgur se toffri esperjenza unika. Aħsbulu kmieni għax it-teatru jimtela malajr!

17 **SPIRTU**

IGNITE THEATRE

**Il-Knisja tal-Madonna tal-Pilar**

7:30pm, 8:30pm, 9:30pm

L-atturi bravi ta' 'Ignite' se jkunu qed itellgħu xogħol ibbażżat fuq rakkonti ta' spirti li jiġu jirrakkuntaw l-istejjer traġiċi tagħhom. Ma jonqosx l-element ta' sorpriża, jiġifieri stennew xi qtajja'! Proġett b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta.

18 **L-ISTORJA TAN-NANNA TAL-BELT**

CENTRESTAGE MALTA

**Pjazza Indipendenza**

8pm, 9pm

Rakkont dwar il-ħajja ta' Cilla Darmanin tal-Belt mil-lenti ta' waħda min-neputijiet tagħha. Naraw lil Cilla f'episodji differenti f'ħajjitha, mit-tfulija saż-żwieġ u sax-xjuħija.

## IR-ROTTA L-KLASSIKA

19 **VALZI U POLKI**

CORRECTIONAL SERVICES AGENCY BAND

**It-Taraġ ta' Bieb il-Belt**

7pm, 8:30pm

L-arkitettura u l-madwar tal-Belt Valletta dejjem jispirawna bl-istil barokk u l-isbuħija tagħhom. Dan il-proġett mużikali ġie mnebbaħ minn dan l-istil li se jkun rifless fil-polki u l-valzi klassiċi.

20 **FOURTE**

**Il-Parlament ta' Malta**

7pm 'il quddiem

Fourte se jkunu qed jinterpretaw xogħolijiet fuq il-kitarra klassika li jvarja minn dak kontemporanju għal uħud klassiċi. Minn Piazzola għal Bizet, Tchaikovsky u oħrajn. Erbgħin suba' fuq erba' kittari se jsaħħruna bil-ħoss li joħolqu.

## IR-ROTTA L-KLASSIKA

21 **MUŻIKA MISTIKA**

VOX DULCIS CHORAL

**Il-Knisja ta' Sant Andrija**

7pm, 8:30pm

Proġett ta' kant sagru riċerkat li jesplora elementii varji tal-mistiċiżmu u l-ispiritwalità. Il-kunċert se iseħħ f'post mhux daqstant popolari mal-udjenzi tagħna. Mhux ta' min titlef din l-opprortunità biex iżżur dan il-proġett.

22 **IL-PAWLINI GĦAND IL-KONVENTWALI**

SOĊJETÀ MUŻIKALI SAN PAWL

**Il-Knisja ta' San Franġisk t'Assisi**

7pm, 8:30pm

Magħrufa l-iżjed bħala San Franġisk tal-Puturjal, din hija t-tieni knisja li nsibu hekk kif nidħlu ġewwa l-Belt Valletta. Il-komunità Franġiskana Konventwali għandha rabta ma' San Pawl il-Baħar. Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk li tiġi ċċelebrata fl-4 t'Ottubru, il-banda Pawlina ta' San Pawl il-Baħar se żżanzan xogħol oriġinali bl-isem ta' 'Pjagi'. Dan huwa l-ambjent perfett sabiex ingawdu x-xogħlijiet artistiċi li jżejnu din il-knisja waqt li nisimgħu dan ix-xogħol ispirat mill-ħajja mistika ta' San Franġisk t'Assisi.

23 **A MUSIC JOURNEY**

SOĊJETÀ FILARMONIKA KING'S OWN

**King's Own Band Club Bar**

8pm

Il-banda 'King's Own' qed tiċċelebra l-150 sena mit-twaqqif tagħha. Il-festival, matul is-snin ħoloq relazzjoni tajba ta' kollaborazzjoni mal-komunità Beltija. B'hekk, għal din l-edizzjoni, il-banda 'King's Own' ġiet mistiedna sabiex tiftaħ is-sede tagħha filwaqt li tippreżenta kunċert b'ripertorju li joħodna fuq vjaġġ madwar id-dinja. Aħtaf din l-okkażjoni sabiex iżżur is-swali tal-każin waqt li tisma' mużika strumentali.

24 **RESONANCIA**

AMY BORG U MATTHEW ZAMMIT

**L-Oratorju tal-Onorati**

7pm, 8:30pm

Lesti ruħek biex tiċċaqlaq mal-mużiċisti żgħażagħ Amy Borg fuq il-pjanu u Matthew Zammit fuq il-vjolin, li se jkunu qed jippreżentaw programm ta' mużika klassika mhux tas- soltu. 'Resonancia', li tfisser reżonanza bl-Ispanjol, hu programm dinamiku ta' biċċiet tal-kompożituri Astor Piazzolla, Pablo de Sarasate, Manuel Ponce, u Édouard Lalo.

## IR-ROTTA L-KLASSIKA

25 **BETH**

BETTINA FARRUGIA

**L-Oratorju tal-Onorati**

7:30pm

Dan l-avvenimenti se jitfa' d-dawl fuq mużiċista emerġenti. F'dan il-każ nippreżentaw lil Bettina Farrugia. Fil-fratemp Beth se tkun qed issemmgħalna ftit mill-kreattività tagħha waqt l-edizzjoni ta' din is-sena.

26 **OPRA SORPRIŻA**

**Pjazza Repubblika**

6pm

Erba' kantanti operatiċi se joffru flash mob ta' arias klassiċi u li huma popolari ma' kulħadd. Hawn jispikka l-element ta' sorpriża f'waħda mill-aktar pjazzez popolari ġewwa l-Belt Valletta.

27 **GOSPEL F'TAL-KARMNU**

JOY GOSPEL SINGERS

**Il-Knisja tal-Karmnu**

8pm, 9:30pm

Il-kor popolari 'Joy Gospel Singers' se jinterpreta kunċert ta' mużiika għall-kor ta' stil kontemporanju u tradizzjonali.

28 **A ROMANTIC NIGHT AT THE MOVIES**

**Il-Knisja tal-Anglikani**

7pm, 8:30pm

Lejl romantiku mżewwaq minn uħud mill-aqwa biċċiet mużikali li ma jmutu qatt. Din hija okkażjoni unika sabiex tgawdi s-seħer tal-mużika tal-films li se tindaqq minn orkestra.

29 **KUMMIEDJA OPERISTIKA**

**Il-Berġa t'Aragona**

7:45pm, 8:30pm, 9:30pm

'Kummiedja Operistika' se tesponi l-kunflitti li jinħolqu bejn l-imħabba, l-għira u l-arroganza. Għadd ta' kantanti b'talent uniku se jkunu qed jinterpretaw karattri fittizji waqt li jurtaw u jinbxu lil xulxin f'ambjent ispirat mill-Commedia dell'Arte.

## IR-ROTTA TAL-MUŻIKA

30 **BARRAKKA BEATS**

MIDNIGHT BACKBEAT

**Il-Barrakka ta' Fuq**

8pm

'Midnight Backbeat', hija band relattivament ġdida, magħmula minn seba' membri, tlieta minnhom huma kantanti. Il-membri kollha għandhom esperjenza mużikali vasta minn ġeneri differenti ta' mużika, minn jazz, sa pop u rock. It-taħlita ta' ġeneri ta' mużika u vuċijiet toħloq għażla ta' mużika minn snin differenti inkluż it-80ijiet, id-90ijiet, u oħrajn aktar riċenti.

31 **COUNTRY & EVERGREEN**

MARISA D'AMATO U MARTY RIVERS

**Il-Barrakka ta' Fuq**

9.45pm 'il quddiem

Marisa D'Amato hija magħrufa bħala r-reġina tal-mużika country ta' Malta. Flimkien ma' Marty Rivers u l-band se jkunu qed iferrħu lill-udjenzi għall-frisk tal-Barrakka. Lestu lilkom infuskom biex tiżfnu għal mużika tant maħbuba fost il-Maltin.

32 **VERSATILE FUQ KASTILJA**

THE VERSATILE BRASS

**Pjazza Kastilja**

9:30pm 'il quddiem

Il-palk ta' pjazza Kastilja dis-sena huwa kompletament riservat għal waħda mill-aqwa brass bands popolari, 'The Versatile Brass'. Flimkien ma' wħud mill-aqwa kantanti Maltin, dawn se jkunu qed jagħtu kunċert fantastiku ta' sagħtejn u nofs.

33 **MUSEA**

MUSEA ORCHESTRA

**Pjazza Teatru Rjal**

7pm

L-Orkestra 'Musea' tippreżenta kunċert bi ftit mill-aqwa siltiet mużikali mifruxin matul is-sekli. Ippreżentat ġewwa Pjazza Teatru Rjal, dan il-kunċert se ikun wieħed speċjali, imżewwaq bil-preżenza ta' orkestra kompluta u kantanti lokali.

IR-ROTTA TAL-MUŻIKA

## 34 DCAPITALS CAPITAL

DCAPITALS BIG BAND

**Pjazza Teatru Rjal**

9pm

Il-band famuża Għawdxija 'DCapitals' se tkun qed tingħaqad magħna għal spettaklu mhux tas-soltu ġewwa Pjazza Teatru Rjal. Magħhom se jingħaqdu għadd sabiħ ta' kantanti Maltin kif ukoll il-kantanta Spanjola Cristina Ramos.

## 35 ROCK STAGE

GROTIUM, SOUL, POISON CHERRY, LORD ADDER

**City Theatre**

6pm 'il quddiem

Inħabbru xalata ta' rock u r-ritorn tar-Rock Stage għal Notte Bianca ta' dis-sena. B'lineup mill-aqwa li jinkludi diversi bands lokali li se jkunu qed idoqqu u matul il-lejl. Mela jekk għandek ir-rock għal qalbek, ilbes dak it-t-shirt preferut tiegħek u erħilha għas-City Theatre!

## 36 MORGAN MAGE

**Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija**

7:30pm, 9:30pm

Dan il-proġett ta' mużika kreattiva jibni fuq l-ewwel prestazzjoni ta' Morgan Mage fin-Notte Bianca tal-2023. Waqtu, Morgan Mage jidentifika ambjent uniku bħal kappella jew spazju ta' mużew biex jaġixxi bħala sfond teatrali intimu iżda b'saħħtu għall-ħsejjes tal-kitarra akustika. Magħmul minn kuntrast li jgħaqqad elementi bħall-ħoss, il-post uniku, u d-dawl, din il-prestazzjoni interattiva tinkludi lil Morgan Mage bħala l-protagonist ewlieni mal-artisti mistiedna. Proġett b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta.

## 37 STRETTA SWING

STRETTA SWING JAZZ TRIO

**Pjazza San Ġwann**

8pm 'il quddiem

Ispirat mill-istil gypsy jazz ta' Django Reinhardt, 'Stretta Swing' huwa trijo ta' jazz manouche li kien iffurmat minn spettakli spontanji regolari fi Strada Stretta. Issa qed ikollhom preżenza regolari fix-xena tal-jazz Maltija, il-marka tagħhom ta' mużika ferrieħija u vivaċi toħloq atmosfera li tixxebbaħ ma' dik ta' Pariġi fis-snin tletin.

## 38 PALK TAN-NIŻLA

**Triq Santa Luċija**

7pm – Lyndsay and Band

8:30pm – Chellcy Reitsma Band

10pm – Drakard

Il-'Palk tan-Niżla' sar popolari ma' dawk li jħobbu l-mużika pop u rock. Bil-lista ta' nies li se ikunu qed idoqqu din is-sena li tinkludi lil Lyndsay Pace, Chellcy Reitsma u Drakard, lestu ruħkom għal esperjenza enerġetika.

## 39 NOTTE RETRO

SPITERI LUCAS BAND

**Pjazza Merkanti**

7:30pm

Spiteri Lucas Band huma rinomati ma' dawn it-tip ta' festivals b'atmosfera ferrieħija permezz tar-repertorju vast tagħhom. Waqt Notte Bianca ta' din is-sena, il-Band ta' Spiteri Lucas għażlu ripertorju varjat. 'Grande Grande Grande', 'That's Amore' u 'Kiss me Honey Honey' huma ftit mill-kanzunetti li se jindaqqu matul dan l-ispettaklu biex tieħdu idea.

## 40 UNITED NATIONS OF SALSA

**Pjazza Merkanti**

10pm 'il quddiem

L-ewwel salsa band li twaqqfet f'Malta se tkun qed tallegra lil dawk li jħobbu jiżfnu u jiċċaqalqu ma' din it-tip ta' mużika. Opportunità unika sabiex ningħaqdu mal-komunità Sud-Amerikana li tinsab Malta u ngawdu l-kultura kkulurita tagħhom. Jekk ġejjin, ħudu l-parir tagħna u ejjew b'żarbun komdu ħalli tiżfnu magħna!

## 41 KANTAW MAGĦNA

VOCA CHOIR

**Pjazza San Ġorġ**

8:30pm

Lesti biex tkantaw magħna f'serata mimlija b'xi wħud mill-aktar siltiet magħrufin mal-pubbliku Malti?! Dan se jkun spettaklu totalment differenti mis-soltu fejn il-kor se jkun qed jingħaqad mal-pjazza li fih se niffurmaw kor imdaqqas. Taħsbuhiex darbtejn! Ejjew kantaw u iżfnu magħna!

## IR-ROTTA TAL-MUŻIKA

42 **L-ISPETTAKLU**

BRASS HOUSE UNIT U YADA DANCE COMPANY

**Pjazza San Ġorġ**

10pm 'il quddiem

Pjazza San Ġorg hija sinonima ma' spettakli mill-isbaħ. Dan li se noffru din is-sena huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-isbaħ li qatt rajna! 'Brass House Unit' flimkien ma' 'YADA Dance Company' se joffru spettaklu uniku. Mużika mill-aqwa u koreografiji li jġegħluk tiċċaqlaq magħhom f'ambjent ferrieħi. Il-mistiedna speċjali għal dan l-ispettaklu hija l-kantanta Taljana Aba Chiara.

43 **BLUE TANGERINE**

**Malta Society of Arts**

8:30pm, 9:30pm, 10:30pm

Esperjenzaw lil Blue Tangerine, grupp jazz ta' disgħa min-nies, li ġie mniedi waqt il-Malta Jazz Festival, imsejjes fuq kollaborazzjoni bejn talent Malti u Franċiż. Stennew lejla memorabbli bit-togħma ta' jazz kontemporanju b'laqta Brażiljana li twaħħad dawn iż-żewġ elementi fi spettaklu indimentikabbli.

44 **THE BEATLES IN JAZZ**

PAUL GIORDIMAINA JAZZ BAND U NADINE AXISA

**Embassy Hotel**

9pm 'il quddiem

'The Beatles in Jazz' iwassal l-aqwa u l-aktar kanzunetti popolari mill-grupp leġġendarju 'The Beatles' b'xeħta tal-ġeneru tal-jazz mill-grupp 'Paul Giordimaina Jazz Band' flimkien ma' waħda mill-aktar kantanti popolari fil-Jazz Malti, Nadine Axisa. Dan il-kunċert joffri garanzija ta' divertiment għal kull min iħobb il-Beatles u wkoll il-jazz.

## DANCE ROUTE

45 **SPANJOL AWTENTIKU**

COMPANA DANZA MARAQUILIN

**Il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija**

7pm, 9pm

'Compana Danza Maraquilin' qed tistieden lill-udjenza biex tesperjenza l-essenza vibranti ta' villaġġ Spanjol permezz tar-'Rhythms of Jerez'. Dan ix-xogħol dinamiku joħodna lil hinn miż-żfin tradizzjonali tal-flamenco fejn jiċċelebra d-diversità taż-żfin Spanjol f'kull forma u t-teknika tiegħu. Proġett b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta.

## DANCE ROUTE

46 **ELEMENTS THROUGH DANCE**

MANDY DANCE ACADEMY

**Valletta Campus Theatre**

6:30pm, 8pm

Proġett ta' żfin b'koreografija oriġinali li jirrappreżenta wħud mill-elementi naturali fosthom l-arja, l-ilma, l-art u n-nar. Din iż-żifna tiċċelebra l-qawwa tal-elementi li jdawwruna u li jsawru l-eżistenza tagħna.

47 **L-ISPETTAKLU**

BRASS HOUSE UNIT U YADA DANCE COMPANY

**Pjazza San Ġorġ**

10:00pm 'il quddiem

Pjazza San Ġorg hija sinonima ma' spettakli mill-isbaħ. Dan li se noffru din is-sena huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-isbaħ li qatt rajna! 'Brass House Unit' flimkien ma' 'YADA Dance Company' se joffru spettaklu uniku. Mużika mill-aqwa u koreografiji li jġegħluk tiċċaqlaq magħhom f'ambjent ferrieħi. Il-mistiedna speċjali għal dan l-ispettaklu hija l-kantanta Taljana Aba Chiara.

## IR-ROTTA TAT-TFAL

48 **WALK THE PLANK**

**Il-Barrakka ta' Fuq**

4pm 'il quddiem

Dan huwa l-proġett immirat lejn it-tfal li ser isir fil-Barrakka ta' Fuq. Din is-sena, dan il-proġett se jkun qed jittratta l-perjodu meta l-ibħra Maltin kienu okkupati mill-kursara. Il-kursar tagħna Jeremy Grech flimkien mal-atturi oħra sħabu se jkunu qed jistennew liż-żgħar tagħna sabiex jieħdu sehem f'esperjenza interattiva, edukattiva u fl-istess waqt jilgħabu logħob tal-pirati u l-kursara.

49 **TGBBA - THE GREAT BIG BOOK ADVENTURE**

**Il-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta**

6pm, 7pm

The Great Big Book Adventure hija produzzjoni teatrali divertenti għat-tfal li se tħeġġihom ikunu akkaniti fuq il-qari. George jħobb il-kotba iżda l-viljakk Bo jrid jeqred il-kotba kollha. Hekk kif il-kotba kollha jegħbu mill-villaġġ, id-dinja ta' George titlef il-kulur. L-udjenza ċkejkna tista' ssalva l-kotba u terbaħ kontra l-kattiv Bo?

## IR-ROTTA L-ĦAMRA

50 **IN-NANNA ĠENOVEFFA**

**The Royal British Legion**

8pm, 9pm, 10pm, 11pm

Jidher ċar li n-nanna Ġenoveffa xejn ma kienet mara mansa u ta' subgħajha f'ħalqha kif hawn min jimmaġina li kienu n-nies kollha ta' żmienha. Id-djarju li ħalliet jixhed il-karattru mqareb, mimli passjoni u enerġija, għatx għall-ħajja u kreattività stramba. In-nanna Ġenoveffa se tirrakonta siltiet minn dan id-djarju waqt Notte Bianca fil-British Legion, sintendi għal udjenza matura u mqarba bħalha (18+). Din il-prestazzjoni se ssir bil-lingwa Maltija biss.

51 **BURDELL ĠO STRADA STRETTA**

MOVEO DANCE COMPANY

**The Splendid**

8pm, 9pm, 10pm, 11pm

'MOVEO Dance Company' se jkunu qed jippreżentaw ix-xow 'Missing: The Brothel of Strait Street'. Xogħol intens li jesplora l-misteri u l-istejjer li kienu jseħħu f'wieħed mill-eqdem burdelli fl-akwati tal-Belt Valletta. Dan ix-xogħol joffri l-opportunità lill-udjenza sabiex tinteraġixxi mal-artisti. Il-persuni taħt is-16-il sena mhumiex permessi jidħlu għal dan l-ispettaklu.

## IR-ROTTA L-ĦAMRA

52 **POLITICALLY INCORRECT**

**Valletta Campus Theatre**

10pm, 11pm

Lestu ruħkom għal spettaklu mhux tas-soltu! Għal xow ta' cabaret li jirrakkonta l-ħajja ta' tliet artisti trans u l-esperjenzi kkuluriti li jgħaddu minnhom. Dan il-proġett li jifforma parti mir-rotta l-ħamra huwa magħmul għal udjenza matura (18+). Jekk inti persuna skrupluża, tersaqx 'l hemm! Din il-prestazzjoni se ssir bil-lingwa Maltija biss.

FESTIVALS Malta

Għal aktar informazzjoni żur

festivals.mt/**nb**

Sibna fuq il-mezzi soċjali tagħna

facebook.com/**nbvalletta**
instagram.com/**nottebiancavlt**

B'kollaborazzjoni ma'

89.7 bay · bay easy 100.2 · European Heritage Days Jiem Ewropej tal-Wirt · GSD

Bis-sapport ta'

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

*Informazzjoni korretta fil-ħin tal-istampar.*